**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 12/2023 ( it-tieni parti)**

25 ta' Ottubru 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marco Agius – Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Vici-Sindku
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Johann Scerri – Kunsillier
Melanie Agius - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Marco Agius ,Sindku, ippresjeda il-laqgħa

### 12.9 Jum Bormla 2023

12.9.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienu ghaddejjin il-preparamenti sabiex nhar id-19 ta' Novembru jittella' Jum Bormla 2023. Is-Sur Agius sahaq illi l-programm ghall-attivita' kien ser ikun qieghed jikkonsisti fi tqeghid ta' fjuri, quddiesa, kuncert mill-Banda San Gorg (li matulu jinghataw rikonoxximenti) u reception zghira fis-sala tal-kazin tal-Banda San Gorg. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sindku.

12.9.2 Is-Sur James Cauchi qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kelli jaghti rikonoxximent lil kull min serva fi hdan il-Kunsill Lokali ta' Bormla (mill-kariga ta' Vici-Sindku 'l isfel) sa mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Johann Scerri (18:02)

Segwiet diskussjoni libera dwar il-materja.

F'dan l-istadju hareg mis-Seduta il-Kunsillier Martin Vella ( 18:08)

Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kelli jadotta il-proposta tas-Sur Cauchi u jaghti r-rikonoxximent propost.

12.9.3 Fuq proposta tas-Sindku ssekondat mis-Sur Johann Scerri u b'votazzjoni unanima, gie deciz illi kellu jinghata rikonoxximent lil Cospicua Subbuteo Club.

12.9.4 Fuq proposta tas-Sur Johann Scerri ssekondat mis-Sa. Noyah Spiteri Hammett u b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jaghti rikonoxximent lil Tenishia (Joven Grech) u lil Dj Miggy ghall-unur u reputazzjoni li kienu qieghdin jaghmlu fil-qasam tal-muzika.

12.9.5 Fuq proposta tas-Sindku ssekondat mis-Sa. Noyah Spiteri u b'votazzjoni unanima, gie deciz illi kellu jinghata rikonoxximent lil Sammy Delceppo. (Ghal dan ir-rikonoxximent is-Sa. Rita Gatt iddikjarat kunflitt ta' interess u ma ppartecipatx fid-diskussjoni filwaqt li halliet il-kamra tas-seduta u dahlet lura wara li kien ittiehed il-vot)

12.9.6 Fuq proposta tas-Sa.Melanie Agius ssekondats mis-Sur Johann Scerri u b'votazzjoni unanima, il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jaghti rikonoxximent lis-Sinjuri Joseph Galea u Graham Attard ghall-hidma taghhom fil-qasam tal-volontarjat b'mod partikolari b'konnessjoni ma' terremot li kien sehh fil-Libja.

F’dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Martin Vella (18:22).

Wara diskussjoni libera, li matulha il-Kunsilliera kollha inghataw l-opportunita’ illi jsemmu individwi li fl-opinjoni taghhom kien haqqhom illi jinghataw Gieh Bormla 2023, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi s-Sur Joseph Galea kellu jinghata l-Unur ta’ Gieh Bormla 2023 ghall-hidma b’mod volontarju li ghamel f’diversi ghaqdiet lokali ghal ghexieren ta snin.

F’dan l-istadju hareg mis-Seduta il-Kunsillier Martin Vella (18:35)

**12.10 Gabbani – Festa 2023**

12.10.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi kien wasal iz-zmien illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tibda tohrog il-permessi ghall-gabbani u kiosks ghall-festa tal-Kuncizzjoni. Wara li s-Sur Agius ghadda lill-Kunsill Lokali l-arrangamenti li kienu saru fl-2022, liema arrangamenti kien jidher illi ma kenux holqu problemi, il-Kunsill Lokali qabel b’mod unanimu illi l-Kunsill Lokali kelli jipprocedi hekk kif kien mexxa fis-sena precedenti.

F’dan l-istadju harget mis-Seduta is-Sa. Noyah Spiteri Hammett ( 18:40)

**12.11 Allowances Haddiema District Operations Ltd.**

12.11.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill Lokali illi wara diskussjonijiet li l-Kunsill Lokali kellu ma’ District Operations Ltd. rigward shift allowances, waqt laqgha li l-Kunsill Lokali kellu mal-istess kumpanija, il-Kunsill Lokali kien gie infurmat bir-rati ta’ hlas li kellhom jithallsu bihom il-haddiema li kienu jahdmu b’sistema ta’ shift.

F’dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Martin Vella (18:45)

12.11.2 Wara li l-Kunsilliera prezenti inghataw dettalji dwar ir-rati tal-hlas, u diskussjoni libera dwar modifiki fil-hinijiet tal-ftuh tal-latrini pubblici, kien hemm qbil bejn il-membri prezenti illi kellha tinzamm laqgha mal-istess District Operations Ltd li matulha jkun hemm diskussjoni dwar il-materja u tinstab soluzzjoni.

F’dan l-istadju il-Kunsillier Martin Vella talab lill-Kunsill Lokali jaggornah dwar rikonoxximenti li kienu gew diskussi b’konnessjoni ma’ Jumm Bormla 2023. Wara li s-Sindku aggorna lis-Sur Vella, l-istess Sur Vella sahaq illi kemm il-darba jinghata koncessjoni xtaq jinnomina lis-Sinjura Mary Pace ghal rikonoxximent peress li kienet waqqfet individwu milli jaghmel att vandalu fuq tabella. Huwa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra illi jaghti rikonoxximent ukoll lil zewg eks Sindki li kienu ghadhom hajjin u cioe’ lis-Sinjuri Joseph Scerri u Alison Zerafa Civelli. Segwiet diskussjoni libera.

F’dan l-istadju hareg mis-seduta il-Kunsillier James Cauchi (19:10)

Kien hemm qbil bejn il-membri prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Vella u jaghti rikonoxximenti lis-Sinjuri Mary Pace, Alison Zerafa Civelli u Joseph Scerri.

F'dan l-istadju dahlet ghas-seduta is-Sa. Noyah Spiteri Hammett ( 19:17)
F'dan l-istadju hareg mis-seduta il-Kunsillier Johann Scerri (19:17)

**12.12 Grawnds Peppi Delceppo**

12.12.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg illi l-Kunsill Lokali jiddiskuti u jiddeciedi dwar grawnds Peppi Delceppo. Is-Sur Agius sahaq illi il-kuntrattur illi kien qieghed jibni l-kumpless kien twaqqaf ghaliex ma kenitx taghmel sens illi jitlesta x-xoghol u ma jkunx hemm amministratur bir-riskju illi l-post jigi vandalizzat.

12.12.2 Segwiet diskussjoni libera dwar il-materja li matulha filwaqt li l-Kunsilliera qablu mal-argument li kien ressaq is-Sindku gie deciz illi l-Kunsill Lokali kelli jahtar amministratur temporanju sabiex sakemm jinstab amministratur permanenti, il-post jinfetah ghall-pubbliku u jkun sorveljat

12.12.3 Bi qbil bejn il-membri prezenti, gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jkellem lil St.George's F.C. dwar il-materja u kemm il-darba jintlehaq qbil l-istess ghaqda kellha tinghata l-opportunita' illi tagixxi ta' amminsitratur temporanju.

**12.13 Aggornament**

12.3.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-20:10p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 22 ta' Novembru 2023 fis-5:30 p.m.

Konfermati, illum 22 ta' Novembru 2023

| | |
|---|---|
| IIFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | _________________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |